MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 353/2004

Tereza Mifsud, Joseph Mifsud, Gaspare Mifsud, Josephine mart Francis Camilleri, Antoinette mart Spiridone Bonnici, Carmen mart Francis Gatt, Philip Mifsud, Catherine mart Mario Mercieca, Doris mart Philip Cachia u George Mifsud li zdied fil-lista ta' l-atturi b'digriet tas-26 ta' Mejju 2004

vs

Emanuel Micallef u b'digriet tal-5 ta' Lulju 2004 gie korrett ghal Agius

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi huma l-eredi tad-defunt John Mifsud illi miet f'incident stradali li sehh fl-4 ta' Jannar 2003 fil-Gudja meta l-imsemmi defunt John Mifsud kien qieghed isuq

mutur licenzjat f'isem il-konvenut u li f'hin minnhom tilef il-kontroll tal-mutur li skiddja u sehhet it-tragedja;

Illi irrizulta li minkejja li l-mutur ma setax jinsaq mid-defunt John Mifsud, il-konvenut xorta wahda ppermetta lid-defenut John Mifsud isuq il-mutur;

Illi ghalhekk l-incident de quo gara tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku meta ippermetta lid-defenut John Mifsud isuq il-mutur tieghu meta kien jaf li dan ma setax;

Illi l-atturi sofrew diversi danni kawza tal-mewt tad-decujus taghhom;

Illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi bil-mewt ta' l-imsemmi John Mifsud;

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi biex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi bil-mewt ta' John Mifsud, baqa' inadempjenti;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-mewt ta' John Mifsud li grat tort tal-konvenut minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku meta nhar l-4 ta' Jannar 2003 ippermetta lil John Mifsud isuq il-mutur tieghu (tal-konvenut) meta kien jaf li dan ma kienx kopert biex isuq l-istess mutur;

2. Tiddikjara li l-atturi soffrew danni ingenti bil-mewt tad-defunt John Mifsud;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bil-mewt ta' John Mifsud okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tordna lill-konvenut ihallas dik is-somma kif talvolta likwidata min din l-Qorti lill-atturi fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez, inluz l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda, prezentata mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari u qabel xejn il-konvenut eccepixxa li hekk kif jirrizulta minn kopja fotostatika tal-karta ta' l-identita` tieghu [Dok 'EA1'] huwa kunjomu 'Agius' u mhux 'Micallef' u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi in linea preliminari u qabel xejn il-konvenut jeccepixxi li jinkombi unikament fuq l-atturi li jgibu prova li huma eredi tad-decujus John Mifsud qabel ma tipprosegwi din il-kawza.

3. Illi, fil-mertu, il-konvenut jeccepixxi li l-pretensjoni avvanzata mill-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu xejn illi huwa kien jaf li d-decujus John Mifsud ma setax issuq il-mutur in kwistjoni. Ghalhekk il-konvenut m'ghandu jgorr l-ebda responsabbilta` ghall-imsemmi incident.

4. Illi ukoll fil-mertu l-eccipjent jeccepixxi li m'hemm l-ebda ness guridiku bejn dak allegat mill-atturi fit-tielet paragrafu jew premessa tac-citazzjoni u l-incident in kwistjoni u ghalhekk l-eccipjent m'ghandu jassumi l-ebda responsabbilta` ghall-imsemmi incident.

5. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suepost l-atturi ma sofrew l-ebda danni a kawza ta' l-imsemmi incident.

6. Salv eccezzjonijiet ilterjuri hekk kif permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenut.

**C. KONTRO-TALBA:**
Rat il-kontro-talba tal-konvenut li biha ppremetta:

Illi l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu mill-kawza ppresentata mill-atturi halli huwa jaghmel il-kontro-talba tieghu.

Illi nhar l-4 ta' Jannar, 2003 sehh incident stradali fil-Gudja fejn John Mifsud waqt li kien qed isuq mutur tal-marka Yamaha R1 1000 targat TIT-100 proprjeta` tal-konvenut-rikonvenzjonant u l-istess konvenut-rikonvenzjonant kien fuq wara tal-mutur meta dan John Mifsud kien qed isuq u habat.

Illi rizultat ta' dan l-incident dan John Mifsud tilef hajtu, filwaqt li l-konvenut-rikonvenzjonant sofra danni konsistenti hsarat estensivi fuq il-mutur proprjeta` tieghu u dana hekk kif se jkollu l-opportunita` li jipprova l-istess konvenut-rikonvenzjonant waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tan-negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan ta' l-istess decujus John Mifsud.

Illi minhabba tali incident l-konvenut-rikonvenzjonant stess fic-citazzjoni promossa minnhom huma lkoll eredi tad-decujus John Mifsud.

Il-konvenut talab lill-Qorti:

Tiddikjara li l-incident li sehh nhar l-4 ta' Jannar 2003 fil-Gudja sehh unikament tort tad-decujus John Mifsud li tieghu l-atturi-rikonvenzjonati huma l-eredi u dana minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess decujus John Mifsud.

Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut-rikonvenzjonant u dana anke jekk tinhass il-htiega anke permezz ta’ periti nominadi.

Tikkundanna lill-atturi-rikonvenzjonati bhala l-eredi ta’ l-imsemmi decujus John Mifsud ihallsu d-danni hekk likwidati ai fini tat-tieni talba lill-konvenut-rikonvenzjonant.

Bl-ispejjez u l-atturi-rikonvenzjonati gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**D. ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO TALBA:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghall-kontro-talba li biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident stradali fil-Gudja ta’ l-4 ta’ Jannar 2003 ma sehhx tort unikament tad-defunt John Mifsud kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta’ din l-azzjoni rikonvenzjonali u mill-azzjoni principali intavolata mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi ghall-kontro talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Fil-5 ta’ Lulju 2004 wara li ntalbet il-korrezzjoni ta’ isem il-konvenut a tenur tal-Kap 12 art 175, liema talba giet milqugha, il-konvenut iddikjara li m’ghadx fadal skop ghall-

ewwel eccezzjoni. Fl-istess data sar qbil li John Mifsud kien qed isuq fil-mument ta' l-incident.

Xehed Paul Vella u qal li fir-rigward ta' l-incident awtomobilistiku meta miet John Mifsud f'Jannar 2002 hu xehed f'inkjesta quddiem l-Avukat imqabbad mill-Qorti. Il-mejjet hu ma kienx jafu. Hu kien prezenti ezatt fil-hin ta' l-incident. Kien tiela bil-mutur tieghu fid-direzzjoni lejn Hal-Far flimkien mal-mara tieghu. Fit-triq lejn Hal-Far f'daqqa wahda raw qisu ***debris*** ittir u f'hin minnhom raw qisu ragel jitkaxkar gej ghan-naha taghhom. Fit-triq tiela lejn Hal-Far din hija karreggjata li taghti fi tnejn. L-ohra ovvjament tigi l-oppost tieghu u fin-nofs hemm ***central strip***. Hu assista lil dan ir-ragel. Il-mutur kien mhux fuq in-naha tieghu, fid-direzzjoni opposta, u rah ftit aktar 'l boghod. Hu kien l-uniku persuna li ra li kien involut fl-incident. Fil-fatt hasbu li kien isuq il-mutur hu. Jaf li l-mutur gie bicciet u kien imfarrak. Indika lill-persuna li qal kien ra titkaxkar bhala l-konvenut. Ikkonferma x-xhieda li ta fl-inkjesta, a fol 99 et.

Xehdet Dorothy Vella li semmiet li fl-4 ta' Jannar 2002 kienet tiela flimkien mar-ragel taghha lejn Hal-Far u f'daqqa wahda huma u telghin rat balla haxix itir. F'daqqa wahda rat ragel jitkaxkar lejhom u ovvjament ir-ragel taghha beda jipprova jevitah. Ma gharfitx lill-persuna hemmhekk. Hi ma ratux il-mutur u ma marritx in-naha l-ohra tal-karregjata biex tara x'seta' gara. Dak in-nhar ta' l-incident fil-ghalixja xehdet fl-inkjesta quddiem Avukat. Ikkonfermat ix-xhieda li tat fl-inkjesta u li qieghdha a fol 100 tal-process. Giet mistoqsija taghrafx lil xi hadd jew kenitx rat lill-persuna midruba, u qalet li ma kienet qed taghraf lil hadd ghax kienet qieghedha 'l boghod.

Xehed Raymond Cauchi u qal illi hu kien Hal-Far dak in-nhar ta' l-incident f'Jannar 2002. Jaf kemm lill-mejjet, John Mifsud, kif ukoll lil Leli Agius. Hu kien xehed fl-inkjesta. Hu kien Hal-Far jara t-tlielaq tal-karozzi u f'daqqa wahda ra lil Johnny gej, kif ukoll lil Leli Agius, u marru bil-qieghda hdejh. Ghamlu xi nofs siegha bil-qieghda hdejh imbaghad Leli Agius kien qal lil Johnny biex imorru, u marru flimkien. Hu rahom mexjin ghal gon-nies, minn hdejh. Qal li mbaghad kien hemm iehor hdejh

li kien Cali`, maghruf ta' l-Iznajs, u qallu biex imorru. Hu rikeb il-karozza tieghu, dak iz-zmien Cortina, u saq biha. Baqa' sejjer fid-direzzjoni ghal Haz-Zebbug. X'hin wasal fil-liwja qal li ghadda mutur minn hdejh u wara xi ftit ghadda mutur iehor. Fl-ewwel mutur li ghadda kien hemm persuna wahda riekba, u fuq it-tieni mutur kien hemm zewg persuni izda ma gharafx min kien hemm fuqhom. Ra t-trab hiereg mill-mutur u l-hamrija ttir u f'daqqa wahda ra l-mutur itir fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hu kien ghadu lura hafna minn wara dan il-mutur izda ra li l-mutur kien hareg kompletament fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ra biss il-mutur hiereg peress li kien ghadu lura. Il-mutur kien imwaqqa' mal-hajt fuq in-naha ta' gewwa tal-karreggjata tat-triq. Qal li kien man-naha ta' gewwa tat-triq. Il-mutur li kien ghadda ma jafx jekk kienx waqaf jew le. Hu kien nizel biex jaghti l-ghajnuna, imbaghad qasam u ra lil Leli, il-konvenut man-naha l-ohra tat-triq. Gie mistoqsi ta' min kien il-mutur li kien gara l-incident fuqu, u qal li kien tal-konvenut. Anzi qal li hu kien rahom kemm-il darba fuq dak il-mutur. Il-mejjet kellu muturi ohrajn. Gie mistoqsi l-mejjet kemm kien ilu li kellu l-muturi u qal li kien ilu xi hmistax-il sena jafu bil-muturi. Ricentement qabel ma kellu l-incident u miet, meta kien jarah fuq mutur, kien jarah fuq il-mutur tal-konvenut. Ikkonferma x-xhieda li ta fl-inkjesta u li qieghdha a fol 103 sa 105 tal-process. Kien ta x-xhieda tieghu l-isptar.

Xehed <u>Dr. Vincent Galea</u> u ra dokument TM2 li kien ghadu kif esebixxa, u gharaf ir-rapport li huwa maghmul minnu u li hu kien ipprezentah quddiem il-Magistrat Grixti. Ikkonferma li hu kien gabar ix-xhieda ta' Dr. Angela Theuma fl-4 ta' Jannar 2003 u ta' Emanuel Agius, il-konvenut fl-4 ta' Jannar 2003, Dr. Lawrence Murray Curtis, Pawlu Vella, Dorothy Vella, Raymond Cauchi, Charles Bugeja, Spettur Nadia Lanzon, Stefano Laze u Brian Farrugia.

Zied ukoll li hu din il-kwistjoni tal-licenzja u ***insurance***, ikun ezaminaha sewwa anke minhabba l-konkluzjonijiet li johorgu, kien talab lill-ispettur Lanzon sabiex tharrek lil rapprezentant tas-Citadel Insurance u lil rapprezentant tal-***Licencing and Testing Directorate***. Fil-fatt fis-seduta

tas-7 ta’ Jannar 2003 kien gie mharrek Stefano Lase u Brian Farrugia ghal dawn iz-zewg entitajiet li semma. Stefano Lase, qal illi Emanuel Agius kien inxurjat maghhom bejn l-1 ta’ Settembru 2002 sal-31 ta’ Awissu 2003 pero` din il-polza kienet tkopri ***motor cycles third party only*** u kienet teskludi ***passengers liability***.

Brian Farrugia mbaghad kien xehed ukoll fl-10 ta’ Jannar 2003 u kien mistoqsi jekk John Mifsud kellux licenzja biex isuq mutur u hu kien irrispondih li kellu licenzja ta’ Grupp B u fil-fatt ma setax isuq mutur b’din il-licenzja u gew esebiti d-dokumenti. Gie referut ghal fol 102 tal-process fejn hemm referenza ghax-xhieda ta’ Dr. Angela Theuma li xehdet f’din l-inkjesta fejn hi, moqri testwalment x’qaltlu fl-inkjesta. “Illum 4 ta’ Frar 2003 ghall-habta ta’ 4.00pm dahal Emanuel Agius ID1070446(M). Jiena ezaminajtu. Jirrizultali li din il-persuna allegatament kien involut f’incident awtomobilistiku u cioe` bil-mutur. Lili din il-persuna qaltli li kien qed isuq mutur hu.” Gie mistoqsi jekk jiftakrux u jekk jikkonfermahx. Hu fiehem li x-xhieda kull ma jaghmel hu li jiktibha. Ix-xhieda kienet taghtielu Dr. Angela Theuma u fil-fatt fl-ahhar tax-xhieda hemm miktub “Din hija x-xhieda ta’ Dr. Angela Theuma dettata minnha stess”, moqrija u l-istess Dr. Theuma ffirmat taht ix-xhieda taghha.

Xehed Emanuel Agius fejn qal illi lil John Mifsud kien jafu ghax kien habib tieghu. Kienu jkunu f’zona tad-dawl, li hija zona f’Haz-Zebbug, u qal li kienu wkoll jmorru l-kacca flimkien, u kien ilu jafu ghal madwar sittax–il sena qabel id-data ta’ l-incident. Il-mutur partikolari li kellu l-incident bih kien tieghu. Qal, izda, li John Mifsud kien qallu li hu kellu licenzja biex jsuq mutur u wriehielu. Qal li lil John Mifsud peress li kien ilu jafu, kien jaf li kellu zewg muturi, kellu Honda 400 u kif ukoll kellu ***Scambler*** 250. Qal li hu kellu dawn il-muturi ghax hu kien jarah bihom. Qal li hu kien jarah isuq dawn il-muturi f’Haz-Zebbug. Hu minn dejjem jafu bil-muturi, jigifieri mhux darba rah. Qal li qabel ma hu kien tah il-mutur, kien urieh li kellu licenzja ghax kieku ma kienx jaghtihulu. Il-hbieb li kienu jkunu maghhom ukoll kienu jarawh isuq il-mutur. Gie mistoqsi jekk hu kienx jaf jaqra, u qal li ma kienx jaf. Ghalhekk

meta kien urieh il-licenzja hu ma kienx flieha. Ma kienx l-ewwel darba li John Mifsud kien saq mutur, kien saqu kemm il-darba. Dakinhar tal-incident, fl-4 ta’ Jannar 2003, ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar hu kien rieqed u cemplet il-qampiena tad-dar, u kien John Mifsud, li qallu biex jwaddablu c-cavetta, ha jmorru sa Hal-Far. Hu kien waddablu c-cavetta mit-tieqa, u huwa hareg il-mutur u startjah, hareg il-mutur mid-dar tieghu li kien jkun fil-kuritur, u fil-frattemp hareg il-mutur, u beda jsuqu, hu rikeb mieghu u marru Hal-Far. Meta waslu Hal-Far marru jiehdu kafe’, u t-triq kollha saq hu sakemm waslu hemmhekk u hu kien riekeb wara. Meta kien ilhom ftit jiehdu kafe’, John Mifsud kien qallu biex jitilqu u hu staqsih jekk kienx xeba’ u rrispondih li iva. Ghalhekk, hu u John Mifsud telqu bil-mutur u kien qed jsuq hu. Qal li meta telqu minn Hal-Far u waslu quddiem il-***gate*** ta’ Hal Luqa, hemm kisra u meta waslu f’din il-kisra John Mifsud qabad il-bankina u hu mal-ewwel tar minn fuq il-mutur u ma kienx jaf x’gara aktar. Qal li meta kien qed isuq f’din il-kisra, hu kien qed isuq bil-mod u qabad il-bankina. Qal li hu ma kienx jiftakar izjed kif gara l-incident. Jiftakar li hu kien ta’ x-xhieda tieghu quddiem xi hadd imqabbad mill-Qorti li kien mar l-isptar u hu kien ta l-evidenza tieghu hemmhekk, u dan gara dakinhar stess ta’ l-incident. Giet moqrija lilu x-xhieda li kien ta hu dakinhar stess tal-incident u din fil-fatt qeda esebita a fol 71 tal-process, u gie mitlub jikkjarifika propju fuq dan il-punt tal-licenzja ta’ John Mifsud. Qal, li hu kien qallu li kellu licenzja u wrihielu, rega qal ghaliex kieku ma kienx jaghtih il-mutur. Dakinhar ta’ l-incident meta kien mar ghalih id-dar, kien mar bi Skoda hamra, u pparkjaha fil-kantuniera hdejhom. Qal ukoll li l-mutur li kienu bih dakinhar tal-incident ghadu ma sewiehx, u kellu madwar Lm3,000 (tliet elef lira) fuqu. In kontro ezmi qal li qabel li l-incident, John Mifsud kien saq dan il-mutur partikolari tieghu T100 li proprju bih kellu l-incident, saqu drabi ohra, u anzi kien ilu jsuqu minn xi sena qabel dakinhar ta’ l-incident. Dan il-mutur T100 kien inxurjat li jistgha jsuqu kulhadd. Gie mistoqsi jekk kienx inxurjat b’mod li ma setghax ikun hemm passigiera fuq wara, qal li iva setghu jitilghu. Inqaratlu x-xhieda li kien ta li qieghedha esebita a fol 96, l-ewwel paragrafu, fejn hemm imnizzel bhal ma gja` qal li qabel il-mutur kien

tieghu imma kien qed isuqu Johnny. Hu licenzja u insurance kellu izda Johnny ma kienx jaf kellux. Qal li hu dak in-nhar ma' qalx hekk. Gie mistoqsi ghalfejn iffirma d-dikjarazzjoni, u qal li hu qatt ma kien ghadda minn dawn l-affarijiet qabel. In ri-ezami gie mistoqsi meta nqratlu x-xhieda esebita a fol 96, hu setghax jaqraha, qal li hu ma jafx jaqra. Gie mistoqsi jekk jiftakarx kinitx inqratlu x-xhieda u qal li ma kienx jiftakar. Qal li waqt li kien ta' din l-evidenza, kienu qed jaghmlulu l-punti l-isptar. Hu kkonferma li ffirma izda ma kienx jaf jekk inqratlux. F'xhieda ohra tieghu hu gie mistoqsi x'sar minnu l-mutur u qal li l-mutur kien ghandu u qieghed isewwieh. Qal li hu kien qed isewwieh biex il-mutur ikun fi stat kemm jimxi. Ghalhekk ma kienx se jaghmillu l-***parts*** kollha. Qal li l-mutur la jsewwieh jkun jista' jinstaq, izda fadallu. Qal li hu setgha jirrangah il-mutur u jgiblu n-numri u l-***insurance***. Qal li huma meta gara l-incident ma habtu ma hadd. Qal li meta kienu fil-kisra ser iduru, ta l-***gear*** u t-triq kienet kompletament vojta. Ma kien hemm hadd li prova jaqbizhom. Qal li la kien hemm fattur li skiddjaw bil-mutur, xejn. Kull ma kien hemm kienu fil-kisra qed jduru u qal li John Mifsud qabad il-bankina hu u jikser. Qal li hu ma gibidlux l-attenzjoni qabel qabad il-bankina. Din kienet kwistjoni ta' sekondi. Qal li kien hemm certu spazju mill-bankina ghalihom u f'daqqa wahda sab ruhu fuq il-bankina. Qal li f'illi kienu mexjin qed jiksru u fillu qabad il-bankina. Meta jghid qabdu mal-bankina, kienet proprju tas-centra strip tan-nofs tat-triq. Qal li t-triq ma kienetx imharbta. Il-mutur kien ilu ghandu minn 1999. Qatt ma jaf li kellu hsarat dan il-mutur.

Xehed <u>Joseph Zerafa</u> u qal illi lil John Mifsud kien jafu bhala habib tieghu, trabbew flimkien minn meta kienu zghar u jafu bhala tifel generuz. Qal li John Mifsud kellu mutur ghax anki hu kellu mutur ghax gieli hargu flimkien bil-muturi. Qal li dakinhar stess li Mifsud kellu l-incident u tilef hajtu hu rah u kellmu u sellimlu. Kien ghall-habta tas-2 ta' wara nofsinhar meta rah. Semma li gieli ra lil Mifsud u lil Emanuel Agius qal li jafhom jmorru flimkien isuqu l-muturi. Hu gieli ra lil John Mifsud isuq il-mutur ma' Leli u Leli Agius ikun riekeb wara.

Xehed Paul Agius u qal li lil John Mifsud kien ilu jafu peress li kien joqghod hdejhom minn mindu kienu zghar, ilu jafu hajtu kollha. Lil John Mifsud dejjem jafu bil-muturi u jaf li kien jaf isuqhom. Qal li dik il-gurnata ta' l-incident hu ra lil John Mifsud Hal-Far u hu qallu biex imorru u John Mifsud rispondih biex joqghodu ftit iehor hemmhekk. Dakinhar rah isuq u kien qed isuq il-mutur hu mhux Emanuel Agius. Qal li qatt ma tkellmu fuq licenzji jigifieri ma kienx jaf jekk Mifsud kellux licenzja biex isuq mutur jew le u Emanuel Agius qatt ma kellmu fuq licenzji tas-sewqan. In Kontro-ezami gie mistoqsi jekk qabel miet John Mifsud kellux mutur personali tieghu qal li le dak iz-zmien ma kellux mutur personali tieghu, imma kien jaf li snin qabel kellu. In ri-ezami gie mistoqsi wara zmien li Mifsud ma kellux il-mutur personali tieghu rahx isuq muturi jew karozzi ta' haddiehor qal li iva, jsuq karozza izda mhux mutur iehor.

Xehed Philip Curmi u qal illi lil Emanuel Agius kien jafu. Kien jaf ukoll li llum mejjet John Mifsud, qal li t-tnejn kienu hbieb tieghu hafna. Gie mistoqsi jekk qabel l-incident qattx ra lil Emanuel Agius isuq il-mutur u qal li le. Gie mistoqsi jekk qattx ra lil John Mifsud isuq qabel l-incident qal li gieli rah isuq imma kien zmien ilu meta kellu mutur hu. Li seta' jghid li bejn wiehed u iehor meta rah isuq kien xi tliet snin qabel id-data ta' l-incident.

Xehed Philip Attard u qal illu hu ***surveyor*** tal-kumpanija ta' l-Assikurazzjoni u gie mqabbad minn Emanuel Agius biex jara l-mutur tieghu. Qal li hu kien mar id-dar tieghu u ra l-mutur proprju biex jara l-hsarat li kellu. Hu esebixxa kemm ir-ritratt tal-mutur bil-hsarat u kemm is-survey report. Fis-***survey report*** hemm elenkati l-affarijiet li ghandhom jinbidlu fil-mutur. Qal li gabru stima approsimattiva tal-i***spare parts*** u l-affarijiet li jridu jinbidlu li tammonta ghal Lm2714.37 u fl-opinjoni tieghu jrid Lm150 biex jissewwa flimkien mal-ammont li kien ghadu kif ikkwota.

Xehed il-Perit Valerio Schembri u qal illi hu kien tqabbad bhala espert u esebixxa r-rapport kollu li ghamel bhala Dok VS1.

Xehed Brian Farrugia u ikkonferma x-xhieda li hu kien ta quddiem il-Magistrat inkwirenti. Saritlu referenza ghad-dokumenti esebiti fil-process, BF1 u BF2 a fol 149 u 150 tal-process. Ikkonferma li dawn huma d-dokumenti li esebixxa hu.

Xehed Charles Bugeja qal illi hu lil John Mifsud, il-mejjet u lit-Titi, Emanuel Agius jafhom dawk in-nahat ukoll. Lill-mejjet John Mifsud, kien jafu sew. Gie mistoqsi xi zmien qabel miet John Mifsud, jekk gieli rahx isuq mutur, qal li le, xi karozza, kien jarah isuq. Kien ilu xi hames snin jafu lil John Mifsud u f’dawk il-hames snin, qatt ma rah bil-mutur.

Xehed Dr. Edmond Zammit Laferla u qal li l-incident in kwistjoni gara fl-4 ta’ Jannar 2003. Spjega li l-mutur in kwistjoni bin-numru TIC 100 kien assigurat ma Citadel izda l-assigurazzjoni kienet tkopri a bazi ta’ ***third party only***. Qal li bhala ***driver*** li seta jsuq dan il-mutur kien ***any driver*** fuq il-25 sena. Sa dak iz-zmien ta’ Mejju 2004, il-***policy*** kienet li ma jkunx hemm kopertura ghal min ikun passiggier fuq il-mutur. Qal li s-suq kollu u mhux il-kumpanija Citadel biss.

Gie prezentat affidavit ta’ Theresa Mifsud, li fih issemma li hi tigi omm il-mejjet John Mifsud li miet tragikament fl-4 ta’ Jannar 2003 gol-Gudja f’incident tat-traffiku quddiem l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta. Binha kellu 36 sena. Kien guvni u kien jghix maghha u ma’ zewgha go l-indirizz 39, Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug. Dakinhar ta’ l-incident hi kienet qeda d-dar. Hi ma ratx l-incident isehh. Saret taf ghaliex marru l-Pulizija d-dar u qalulhom li t-tifel kien involut f’incident u biex tmur fuq il-post ta’ l-incident u ratu mghotti minn distanza. Hi ma ratux il-kadavru. Maghha marru uliedha l-bniet Carmen Gatt u Catherine Mercieca u zewgha Mario Mercieca. It-tifel kien jahdem mal-Water Works Department. Paga kellu skond id-dokument anness u mmarkat Dok. TM1. Kien ilu jahdem mal-Water Works xi sittax-il sena. Kien dilettant tal-muturi izda ma kellux muturi qabel miet. Taf li kellu licenzja tal-mutur xi hmistax-il sena ilu fuq mutur iehor. Meta marret fuq il-post rat mutur ma’ l-art u ftit metri minnu kien hemm il-kadavru

moghtti. Binha kien f'sahhtu, ma kienx ibati minn problemi ta' sahha. Hi kienet taf li l-konvenut kien habib tat-tifel taghha. Kienu t-tnejn kaccaturi, taf li kienu siefru flimkien u li kellhom id-delizju tal-muturi. Hi taf li l-konvenut kellu mutur. Binha kellu zewg karozzi - Skoda u Volkswagen. Kien isuq karozzi mhux muturi, hlief ghall-perjodu zghir sittax-il sena ilu.

Gie prezentat affidavit ta' Gaspare Mifsud, hu l-mejjet John Mifsud, li ghamel referenza ghall-affidavit ta' ommu Theresa Mifsud u filwaqt li ikkonferma l-kontenut tieghu zied biss li hu lill-konvenut kien jafu minn wiccu biss u ma kienx jaf li kellu mutur.

Gie prezentat affidavit ta' Carmen Gatt, oht il-mejjet John Mifsud li miet tragikament fl-4 ta' Jannar 2003 gol-Gudja f'incident tat-traffiku quddiem l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Ghamlet referenza ghall-affidavit ta' ommha Theresa Mifsud u filwaqt li kkonfermat l-kontenut tieghu ziedet biss li l-konvenut kien habib ta' huha John Mifsud u kienet taf li l-konvenut kellu mutur.

**E. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh fl-4 ta' Jannar 2003 meta John Mifsud kien qieghed isuq mutur bin-numru TIC 100 li kien licenzjat fuq isem il-konvenut Emanuel Agius meta l-mutur tilef il-kontroll, skiddja u John Mifsud li kien qed isuqu, tilef hajtu. Illi gie eccepit mill-konvenut, li mhux minnu li huwa kien jaf li John Mifsud ma setax isuq il-mutur in kwistjoni. Ghalhekk, il-konvenut m'ghandux igorr l-ebda responsabbilta` ghall-imsemmi incident. Gie eccepit ukoll li ma hemm l-ebda ness guridiku bejn dak allegat mill-atturi u l-incident in kwistjoni. Hemm ukoll rikonvenzjoni dwar id-danni rigwardanti l-hsarat fil-mutur.

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza, li John Mifsud u l-konvenut kienu hbieb, u li dakinhar ta' l-incident John Mifsud kien mar id-dar tal-konvenut u qallu biex johorgu u jmorru Hal-Far u kien John Mifsud li kien saq il-mutur tal-konvenut, filwaqt li l-konvenut kien "***pillion rider***". Irrizulta wkoll mix-xhieda, li wara li kienu Hal-Far, irritornaw lura u John

Mifsud kien rega' qed isuq il-mutur, meta waslu fit-triq li minn Hal-Far taghti ghar-***round about*** ta' fejn l-***airport***, sejrin fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa, is-sewwieq tilef il-kontroll, u fil-liwja qabad il-bankina, il-mutur iggarraf, John Mifsud tilef hajtu, u l-konvneut spicca midrub. Ma jirrizultax li kien hemm wisq xhieda okulari meta gara l-incident. L-unici xhieda okulari, fil-fatt kienu Paul Vella u Dorothy Vella li kienu fit-triq fid-direzzjoni lejn Hal-Far meta raw debri u ragel jitkaxkar lejn in-naha taghhom, gej mid-direzzjoni opposta, li kien fil-fatt, il-konvenut (fol 32 sa 34). Ray Cauchi li kien xehed ukoll fl-inkjesta dwar dan l-istess incident, sostna li kien ghadu lura, fl-istess triq meta fil-fatt gara l-incident, u kkonferma li John Mifsud u l-konvenut spiss kienu jkunu Hal-Far peress li kien jafhom bhala dilettanti tal-muturi u mhux l-ewwel darba li kien rahom flimkien fuq l-istess mutur.

**<u>E1. Negligenza:</u>**

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti." Koll. XXX p.III.p.142 (Ara **Gerald Bugeja vs David Gatt** deciza mill-Qorti ta' l-Appell deciza fl-20 ta' Ottubru 2003). Huwa ghalhekk, li jrid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-att jew ommissjoni tal-konvenut, u l-incident in kwistjoni. Fil-fatt, fil-kaz odjern din il-Qorti ser tanalizza in vista tal-fatti u provi prodotti.

Gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana li:
"Il-Qrati Taghna fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali, il-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata "***beyond reasonable doubt***", f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm "***moral certainty***", certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm "***a mere possibility***".

"Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza

morali, rikjesta f'kawzi civili, hija l-effett tal-"***balance of probabilities***." (Ara **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace,** Appell Civili deciza fil-5 ta' Marzu 1986,u **Zammit vs Petrococchino noe,** Appell Civili deciza fil-25 ta' frar 1952).

Fis-sentenza tal-kawza **Biagio Muscat vs Anthony Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Mejju 2003 inghad li:
"Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx li jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Artikolu 1032 (1) Kodici Civili)"

F'dan il-kuntest, ta min isemmi wkoll li l-artikolu 1033 tal-Kap 16 jiddisponi hekk:
"Kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."

Il-kulpa fil-kaz ta' fatt dannuz (li minnu torigina l-azzjoni aquiliana) tavvera ruhha billi wiehex jaghmel att volontarju u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett, ghalkemm kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Meta l-att li jikkaguna d-danni jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza r-responsabbilta` ta' min ghamel l-att hija assoluta u min irid jehles mir-responsabbilta` jrid jipprova jew il-fatt tat-terz jew il-***vis major***.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li Emanuel Agius fid-domandi li kienu sarulu fl-inkjesta qal hekk:
"Kif diga ghidt qabel il-mutur huwa tieghi pero` kien qed isuqu Johnny. Jiena licenzja u ***insurance*** ghandi pero` Johnny ma nafx jekk ghandux. Naf li Johnny kellu muturi. Mid-dar tieghi ahna tlaqna bil-mutur tieghi." (fol 96).

Filwaqt li l-istess Agius fix-xhieda datata 27 ta' Mejju 2005 qal hekk:

"Nghid li jiena qabel tajtu l-mutur, hu urieni li kellu licenzja ghax kieku jiena ma kontx naghtihulu. Il-hbieb li kienu jkunu maghna wkoll kienu jarawh isuq il-mutur. Qed nigi mistoqsi jien nafx naqra nghid li jiena ma nafx naqra. Jigifieri meta urieni l-licenzja jiena ma flejthiex." (fol 159).

Jinghad ukoll li fl-imsemmija xhieda tas-27 ta' Mejju 2005 Agius kien semma li Mifsud kien kellu zewg muturi, Honda 400 u ***scrambler*** 250 u li hu kien jarah isuq il-muturi f'Haz-Zebbug.

Hawnhekk il-Qorti trid taghmel riflessjoni mentali. Jekk jigi habib li tkun ilek tarah isuq toqghod tistaqsieh biex tara l-licenzja jew tassumi li la ilu jsuq dan licenzja kellu; jew jekk stess jekk jaccertak li ghandu toqghod tinsisti f'cirkostanzi normali biex tara l-licenzja? Forsi dan isir jekk nghidu per ezempju ghal sewqan ta' ***boat*** izda mhux daqshekk logiku li wiehed jalloka responsabbilta` fil-kaz ta' persuna ta' certu eta` dwar sewqan ta' karozza u f'xi kazijiet ta' mutur. Ta min isemma li kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw negligenza fl-operat tal-konvenut, liema prova trid issir fuq ***moral certainty*** u mhux fuq ***mere possibility***. Certament li l-konvenut ma setax jara li ser javvera ruhu l-incident. Il-konvenut ma agixxiex b'mod ta' nuqqas ta' diligenza meta hu kien jaf li John Mifsud kemm-il darba saq mutur ghax hafna nies semmew li rawhom ghaddejjin flimkien u ghall-istess ragnuni l-Qorti ma ssibx kulpa fl-agir tal-konvenut.

Fil-kawza **Josephine Bondin vs Christine Demajo** deciza 08/01/92 il-Qorti qalet:
"trattandosi ta' kulpa aquiliana u konsegwenzjali danni, il-bazi legali ta' l-azzjoni trid necessarjament tirrisolvi ruhha fin-***nexus*** konsegwenzjali bejn l-operat tad-danni tad-danneggjant u d-danni sofferti mid-danneggjat u dana ghandu jigi ppruvat mid-danneggjat ghalmenu fuq bazi ta' probabilita`"

Ukoll fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Gerald Bugeja vs David Gatt** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fl-20/10/2003 jinghad:

“Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak li l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti (XXX-III-142).

***E2. Volenti non fit iniuria:***

Interessanti wkoll huwa dak li jinghad mill-awtur Ingliz Charlesworth fil-ktieb ***The Law Of Negligence***:
“The plaintiff does see a danger created by the negligence of the defendant, but decides to run the risk of it. If, after deciding to run it, he does not exercise reasonable care, he is guilty of contributory negligence and may be unable to recover on that ground”.

Ara wkoll f’dan is-sens **Doreen Fenech vs Francis Agius**, P.A. 07/07/97; **Michael D’Amato vs Filomena Spiteri**, P.A. 03/10/03; **Anthony Turner vs Francis Agius**, Appell, 28/11/03.

L-awtur Gibb dwar Torts kiteb hekk:
“When a person expressly or impliedly takes the risk of being injured by operations negligently carried on, he has no action against the person responsible”.

Certament li l-mejjet John Mifsud kien jaf li ma setax isuq mutur izda xorta wahda ddecieda li jsuqu u ghalhekk fuq il-bazi tal-principji ***volenti non fit iniuria*** l-eredi ta’ John Mifsud ma jistghux ifittxu ghad-danni ghax kien John Mifsud li ddecieda li jassumi r-riskju fuqu, specjalment meta wiehed iqis il-fatt li hu kien il-kawza diretta ta’ l-incident li sehh.

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija l-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u naturalment tichad it-talbiet attrici.

***E3. Rikonvenzjoni tal-konvenut:***

Il-konvenut jallega li John Mifsud kien l-unika persuna direttament responsabbli ghall-incident ***de quo***. Irrizulta li kien qed isuq l-istess John Mifsud u skond ix-xhieda tal-konvenut l-incident gara meta ntlaqtet is-***central strip***. Il-

konvenut jirreferi ghal dak li kien qal l-espert legali Dr. Vincent Galea fl-atti ta’ l-inkjesta li l-konvenut ma kienx jahti ghax ma kienx qed isuq. Il-konvenut ipprova wkoll li wara l-incident huwa kellu danni sostanzjali.

Issa irrizulta li John Mifsud kien isuq il-mutur b’mod tajjeb, tant illi l-konvenut dejjem kien ihalli lill-istess isuq il-mutur. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma rnexxilux jipprova agir kolpuz min-naha ta’ John Mifsud. Huwa veru li mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li l-John Mifsud laqat is-***central strip***. Ovvjament ma jistax ikollha x-xhieda tal-mejjet. Ma nghad xejn dwar velocita` u anqas ma gew esebiti xi marki fuq is-***central strip***. Il-Qorti ma ssibx li hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw it-talbiet rikonvenzjonali u ghalhekk tichadhom.

**F. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi fuq imsemmija l-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u ghalhekk ma ssibux responsabbli ghall-mewt ta’ John Mifsud u li l-atturi sofrew danni.

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali ghall-motivi fuq imsemmija.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------